# Analiżi fuq "Passaġġi" ta' Ġorġ Borg

*Mauro Camilleri u Clint Xuereb*
*Skola San Andrea*

- It-titlu "Passaġġi'' huwa wieħed **metaforiku**. Fil-fatt, il-poeta jużа l-kelma "passaġġi'' biex jirreferi għall-esperjenzi li wieħed jgħaddi minnhom matul ħajtu.

- L-użu tal-**epanalessi** *"hemm passaġġi''* matul il-poeżija kollha, jiġbed l-attenzjoni tal-qarrej biex jibqa' ffukat fuq is-suġġett tal-poeżija.

- Ta' min jinnota l-idea tal-ħajja bħala vjaġġ li joħloq Borg matul il-poeżija. L-ewwel jibda bil-"passaġġi'' li ngħaddu minnhom mat-twelid u jagħlaq il-poeżija billi jirreferi għall-aħħar passaġġ f'ħajjitna meta mmutu lejn il-ħajja ta' dejjem.

- F'kull strofa nsibu **kuntrast**. Fil-fatt l-użu tal-**epanalessi** *"hemm oħrajn''*, joħloq dan il-kuntrast. Fl-ewwel tliet strofi l-poeta l-ewwel jirreferi għal esperjenzi f'ħajjitna li ngħaddu minnhom bla tbatija u wara jgħaddi għal oħrajn li jkidduna ftit meta ngħaddu minnhom. Dan jurina li ħajjitna mimlija esperjenzi kuntrastanti li xi kultant jimlewk entużjażmu u enerġija filwaqt li oħrajn ikissruk.

- Fl-aħħar strofa naraw kuntrast bejn l-esperjenzi tal-ħajja qasira li jispiċċaw mal-mewt tal-bniedem *"wara ftit''* u l-esperjenzi spiritwali li jwassluk temmen f'Alla *"fl-infinit''*. Hawnhekk jidher il-kuntrast bejn il-ħajja li tintemm u dik spiritwali li ma tintemm qatt. Il-ħajja mingħajr fidi tispiċċa mal-mewt filwaqt li l-ħajja bbażata fuq il-fidi f'Alla ma tispiċċa qatt. Għaldaqstant, din hija stqarrija ta' fidi tal-poeta li jemmen li l-qofol tal-ħajja jinsab f'Alla.

- Minħabba l-fatt li l-poeta jirreferi għal passaġġi ġenerali, il-qarrej faċilment jista' jħossu involut f'dak li qed jaqra u jibda jirrifletti fuq l-esperjenzi li għadda minnhom matul ħajtu. Għaldaqstant, nistgħu ngħidu li quddiemna għandna poeżija **riflessiva**.

Grupp Deċiżi

**Temi**: Il-Fidi f"Alla
L-Esperjenzi kuntrastanti tal-Ħajja
Iż-Żmien
Il-Mewt

**Kwotazzjonijiet marbuta mat-Temi**

L-Awtobijografija: *Il-poeżija kollha*
Il-Fidi f'Alla: *"Hemm oħrajn li jwassluk temmen/ fl-infinit"*
L-Esperjenzi kuntrastanti tal-Ħajja: *L-ewwel tliet strofi*
Il-Mewt: *"Hemm passaġġi ssibhom jagħlqu/ wara ftit"*

**It-Teknika:**

- Poeżija awtobijografika u riflessiva.
- L-użu tal-kuntrast/paradoss f'kull strofa biex joħroġ l-idea li l-ħajja fid-dinja fiha kemm il-ferħ kif ukoll in-niket.
- L-użu tal-epanalessi biex jenfasizza t-tema ċentrali tal-poeżija u biex joħloq il-kuntrast fil-ħajja.
- L-użu tar-rima biex joħloq mużikalita' fil-poeżija.

**L-Istil**
Tradizzjonali

**Il-Metrika**
Vers: 1/3 settenarji
2/4 kwaternarji
Aċċent: versi 1/3 Wati
versi 2/4 Tronk
Rima: Alternata A-B-A-B (Fl-ewwel żewġ strofi) Mqabbża A-B-Ċ-B (l-aħħar żewġ strofi)
Strofi: Kwartini

Grupp Deċiżi

**Termini Letterarji**
alliterazzjoni, epanalessi, metafora.

**Taħriġ**

1. X'inhi l-metafora ċentrali f'din il-poeżija u x'tirrappreżenta?
2. X'messaġġ irid iwassal il-poeta bl-użu tal-paradoss.
3. Taħseb li f'din il-poeżija nsibu elementi reliġjużi? Jekk iva, spjega kif jidhru.
4. Taqbel li din il-poeżija hija waħda riflessiva? Għaliex?
5. X'metrika qed iħaddem il-poeta f'din il-poeżija?
6. Islet mill-poeżija: alliterazzjoni u tip ta' rima.
7. Ikkwota Vers Tronk.

Grupp Deċiżi